MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 987/2005

**LBM Breweries Ltd (C11654)**

**vs**

**I.T.C. Ltd (C10309)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 17 ta' Ottubru 2005 fejn esponiet: -

Illi s-socjeta` attrici ilha ghal dawn l-ahhar seba' (7) snin, ta' kull sena, torganizza attivita` bl-isem ta' Oktoberfest;

Illi dan l-isem sar sinonimu ma' din l-attivita` li tigi organizzata mis-socjeta` attrici;

Illi bejn il-21 u t-23 ta' Ottubru 2005 is-socjeta` konvenuta ser torganizza attivita` simili ghal dik tas-socjeta` attrici, u semmietha wkoll Oktoberfest;

Illi dan l-agir jikkostitwixxi konkorrenza zleali;

Illi s-socjeta` konvenuta giet debitament interpellata sabiex ma taghmilx uzu minn dan l-isem, izda din baqghet inadempjenti;

Ghaldaqstant l-attur jitlob lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-uzu ta' l-isem Oktoberfest jikkostitwixxi konkorrenza zleali fil-konfront tas-socjeta` attrici;

2. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta m'ghandha l-ebda jedd li taghmel uzu minn dan l-isem;

3. Tordna lis-socjeta` konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju taghmel dak kollu mehtieg sabiex tikkancella kull riferenza ghall-isem Oktoberfest u tirtira kull reklamar li ghandha f'dan is-sens, u dan taht dawk il-provvedimenti opportuni li taghti l-Qorti sabiex jigi assigurat li s-socjeta` konvenuta tottempera ruhha mal-ordni tal-Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1527/05 kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tad-17 ta' Frar 2006.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Frar 2006 (fol 11) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn Dr. Anthony Ellul nforma lill-Qorti li hu ntavola rikors quddiem din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Mhallef Joseph R Micallef u talab li dik il-Qorti tirrikjama l-kawza peress li hemm kawza ohra b' ismijiet inversi u dik it-talba giet milqugha. Il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Lino Farrugia Sacco ordnat lir-Registratur jghaddi

l-istess lill-Qorti presjeduta mill-Onor. Mhallef Joseph R Micallef u l-kawza giet differita ghad-9 ta’ Marzu 2006.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta ITC Ltd datata 28 ta’ Marzu 2006 (fol 15) fejn esponiet:-

1. Illi t-talbiet tas-socjeta` konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi l-isem 'Oktoberfest' huwa isem ta' dominju pubbliku u ghalhekk jista’ jintuza mis-socjeta` konvenuta, u meta jintuza minnha ma jikkostitwixxix konkorrenza zleali *ai termini* ta' Kapitlu 13 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-kelma Oktoberfest intuzat u qed jintuza mhux limitatment mill-partijiet, izda minn terzi u ferma qabel is-socjeta` attrici u b'hekk m'ghandhiex l-uzu esklussiv ta' tali kelma jew isem;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 9 ta’ Marzu 2007 (fol 61).

Rat in-nota responsiva tas-socjeta` attrici LBM Breweries Limited (C11654) datata 13 ta’ April 2007 (fol 70)

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta’ April 2007 (fol 75) quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-kawza giet differita ghas-sentenza fin-nuqqas ta’ xkiel ghall-31 ta’ Ottubru 2007.

Rat in-nota tas-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Frar 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum pesjeduta fejn il-kawza giet differita ghat-30 ta’ April 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Din il-kawza hija miexja kontestwalment ma' kawza ohra fl-ismijiet *ITC Limited (C 10309) et. v LBM Breweries Limited (C 11654),* kif jirrizulta minn digriet ta' din il-Qorti, kif diversament presjeduta, moghti fid-19 ta' Jannar 2006 fl-atti ta' din it-tieni kawza citata.

Illi permezz tal-kawza odjerna, is-socjeta` attrici qed titlob li jigi dikjarat li is-socjeta konvenuta m'ghandhiex dritt ghall-uzu tal-isem "*Oktoberfest"* u ssostni li peress li ilha iz-zmien ("*seba' snin"*), torganizza attivita' b'dan l-isem f'Malta, il-hsieb tas-socjeta` konvenuta li torganizza attivita' ghall-istess skop u bl-istess isem, jikkostitwixxi konkorrenza zleali a pregudizzju tal-istess *LBM Breweries Ltd.*

In kawtela tad-drittijiet taghha, is-socjeta *LBM Breweries Ltd.* talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra is-socjeta` konvenuta.

Kontra dan,is-socjeta` konvenuta issostni li l-kelma "*Oktoberfest"* huwa isem ta' dominju pubbliku u ghalhekk ma jistax jinghad li jkun hemm konkorrenza sleali jekk hi tuza' dak l-isem. Inoltre din il-kelma qed tintuza minn terzi. Is-socjeta' konvenuta  intavolat kawza, dik fuq premessa, fuq l-istess mertu, fejn talbet ,*inter alia,* li jigi dikjarat li l-isem imsemmi jkun ta’ dominju pubbliku u b'hekk jista' jintuza minnha f'attivitajiet anke futuri. Din il-kawza  giet deciza illum stess u peress li l-mertu, provi u konsiderazzjonijiet fattwali u legali li ddeterminaw id-decizjoni ta' din il-Qorti f'dik il-kawza japplikaw fis-shih ghal din il-kawza, dawn ghandhom jitqiesu bhala parti integrali ta' din is-sentenza.

Din il-Qorti, ghalhekk, a skans ta' ripetizzjoni, taghmel riferenza shiha ghas-sentenza moghtija illum fil-kawza ***ITC Limited (C 10309) et. v LBM Breweries Limited (C 11654)***  u tordna u tiddeciedi li dik is-sentenza ghandha taghmel parti integrali ta' din is-sentenza, kemm  fir-

rigward tal-konsiderazzjoni taghha tal-provi prodotti, liema provi ghandhom jitqiesu li gew prodotti fiz-zewg kawzi, kif ukoll tal-ezami, konsiderazzjoni u applikazzjoni tal-principji legali hemm enunzjati ghall-fatti mertu taz-zewg kawzi, u li gew trattati estensivament f'dik is-sentenza .

Ghaldaqstant fid-dawl tad-decizjoni moghtija illum fis-sentenza fuq premessa fl-ismijiet ***ITC Limited (C 10309) et. v LBM Breweries Limited (C 11654)*** din il-Qorti ser tghaddi biex tichad it-talbiet attrici.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** it-talbiet tas-socjeta` attrici, **tilqa'** l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta**.**

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------